L-orizzont

LORNA VASSALLO

Data tal-Pubblikazzjoni: Il-Gimgha, 4 ta' Jannar, 2002

# Suspett fondat

*Imma minn din is-sezzjoni ta' nies allura, huma eskluza dawk li m'ghandhomx propjetà ohra f'pajjizhom, u li, jekk toqghod tahseb ftit, huma l-aktar nies li jfittxu propjetà mhux b'kapricc imma bi bzonn… F'din is-sezzjoni nsibu l-aktar koppji zghazagh li qeghdin jippruvaw jibnu familja u zghazagh wahedhom li jridu jinvestu b'mod intelligenti fil-gejjieni taghhom.*

*Tghid il-haddiem Malti fejn se jkun postu f'din l-istampa ta' gerarkija bbazata fuq xejn hlief mezzi finanzjarji?*

Mal-ftehim li lahaq il-Gvern Malti mal-UE dwar xiri ta' propjetà li gie rapportat bhala precedent ghall-pajjizi applikanti ta' l-Unjoni u rebha kbira ghal Malta fil-gurnali kollha, specjalment dawk tal-Hadd, 23 ta' Dicembru, hemm x'wiehed izid.

B'certu xetticizmu nammetti li qrajt ir-rapport u nghid il-verità, fittixt ma' l-ewwel dak li qeghdin jippruvaw jahbu iktar milli dak li qeghdin jippruvaw jikxfu.

Fil-gurnali kollha saret enfazi shiha kif gie koncess lil Malta, li zzomm barranin milli jixtru t-tieni propjetà taghhom f'pajjizna jekk ma jkunux mill-inqas qattghu hames snin jghixu hawnhekk.

Imma ma' l-ewwel innotajt ukoll, li din tat-tieni propjetà kienet qieghda tigi wisq ripetuta.

Ta' avukat bravu li Joe Borg hu, (zgur li ma nistax innehhilu dak il-mertu) kif ukoll ta' bniedem li ma jasalx biex jigdeb ghax bniedem ukoll genwin, il-Ministru rrepeta kemm-il darba din il-frazi biex ihalliha mbaghad f'idejna – ghal min ghandu jifhem jifhem, u dak li mhux verament jisma' jew jixtarr ma jifhimx.

Imma n-nies legali jiftiehmu wisq bejniethom u jifhmu lil xulxin ma' l-ewwel ghax jafu lkoll (suppost) jaghzlu bejn kelma u ohra.

U f'dan il-kaz, ukoll, l-ghazla tal-frazi "it-tieni propjetà" ma kenitx xi wahda ta' bi zball jew ta' aljenazzjoni, imma ghazla maghmula bir-reqqa.

Imma ma ridtx nasal ghall-konkluzjonijiet minghajr ma jkolli provi cari quddiemi li t-"tieni propjetà" kienet allura propjetà li l-barranin se jinzammu milli jixtru f'pajjizna b'din l-istrategija. Stennejt lil min kellu l-provi quddiemu jghidha huwa l-ewwel u jikkonferma s-suspett li kelli jberren f'mohhi.

F'dan il-kuntest, ghalkemm mhux qieghda nghid li, li wiehed jinzamm milli jixtri t-tieni propjetà tieghu f'Malta tista' zzomm settur ta' nies milli jinvadu l-limitazzjonijiet geografici taghna.

Imma minn din is-sezzjoni ta' nies allura, huma eskluza dawk li m'ghandhomx propjetà ohra f'pajjizhom, u li, jekk toqghod tahseb ftit, huma l-aktar nies li jfittxu propjetà mhux b'kapricc imma bi bzonn.

F’din is-sezzjoni nsibu l-aktar koppji zghazagh li qeghdin jippruvaw jibnu familja u zghazagh wahedhom li jridu jinvestu b’mod intelligenti fil-gejjieni taghhom.

U tad-dahk, imma veru, is-sitwazzjoni kif inhi probabbilment m’ghamlet xejn hlief illi fethet lok ghal abbuz biss! U dan tafu ghaliex? Ghax hija n-norma li persuna tbigh id-dar taghha qabel tixtri ohra!

U ghal dak il-perjodu li tkun bla dar, id-dar li se tixtri hawn Malta se tkun l-unika propjetà taghha u mhux it-tieni propjetà taghha.

Jigifieri c-cittadin Malti se jkun protett biss minn nies li ghal skop ta’ kapricc iridu jixtru dar tas-sajf f’pajjizna.

Rigward dawk li jridu jixtru t-tieni, it-tielet, ir-raba’ u l-hames u s-sitt dar, dan facilment jista’ jissejjah “investiment barrani” u probabbilment in vista tal-finanzi tal-pajjiz, jintlaqa’ b’idejn miftuha. F’dawn il-kazi zgur li se jsiru koncessjonijiet min-naha tal-Maltin.

Hemmhekk tkun bdiet verament tahdem l-id invizibbli tas-suq li taghzel lil min ghandu tant boqxiex minn min ghandu daqstant boqxiex u aktar li hija ferm prezenti fil-pajjizi ta’ l-Unjoni.

Tghid il-haddiem Malti fejn se jkun postu f’din l-istampa ta’ gerarkija bbazata fuq xejn hlief mezzi finanzjarji?

*Ghal kummenti jew suggerimenti iktbuli fuq lornav@onvol.net*